KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 16, miżmuma nhar it-Tlieta 04 ta' Gunju, 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, permezz ta' online u *conference call*. Din il-laqgħa qed saret b'dan il-mezz skont l-Artiklu 3, 4 u 5 ta'Direttiva 2/2020/ COVID-19 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl'20 ta'Marzu 2020.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Kunsilliera Graziella Galea ifurmat lill-Kunsill li hija kienet qed tirrekordja il-laqgħa u anke il-laqgħat oħra futuri tal-Kunsill.

**16.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**16.2 Korrezzjoni ta' minuti**

Minuti ta' Laqgha numru 12

**Pagna 2** item **11.6:** Il-kelma '*agitaturi*' tinbidel ghal '***aggudikaturi'***

**Pagna 3** item **11.8:** Tinqata '*2016*' u minflok tinkiteb '***2014'***

item **12.4:** Fl-ahhar paragrafu jizdied ***'ix-xoghol se jigi iffinanzjat mill-Gvern Centrali'***

**Pagna 6** item **12.6.1** Fl-ahhar nett Jizdied '***Il-kunsill approva'***

**12.6.2** Rapport – Tender Contracts Manager: Jizdied '*Il-kunsill approva li jerga jinhareg*'

item **12.9:** Wara gabra addizzjonali jizdied ***'kull nhar ta' Erbgha'***

item **12.10a** Wara l-kunsill approva jizdied ***'b'kundizzjoni li tighata l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-kunsilli lokali'.***

item **12.10b** Wara l-kunsill approva jizdied ***'b'kundizzjoni li tighata l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-kunsilli lokali'.***

**Pagna 9** item **12.13** Bord ta' Governanza: L-ahhar paragrafu jizdied; '***l-ex Sindku Anne Fenech'***

**12.13 Il-vot ghandu jinqara kif gej:**

Favur: Sindku Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona

Astenzjoni: Vici Sindku Daryl Connor, Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Anthony Delia, Anthony Attard, Chris Vella Petroni, Carlos Zarb, Alfred Bray, Mario Salerno

item **12.17** Jizdied**: *'Dwar il-voti mitluba fuq il-pagamenti mill-kunsilliera Graziella Galea, il-grupp kunsilliera fil-maggoranza sostnew dawn imorru kontra l-ligi'*.**

Il-Grupp fil-minoranza astjenew fil-vot dwar pagament 113,169,169a,169b,169c

Dawn l-emendi ma ġewx approvati – 6 Favur u 7 Kontra

Favur – Graziella Galea, Anne Fenech, Anthony Delia, Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard, Antoinette Bezzina

Kontra – Alfred Grima, Mario Salerno, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Daryl Connor, Carlos Zarb

*Minuti Laqgha 12 approvati hekk kif ikkoreguti.*

*Minuti Laqgha 13 approvat.*

**Korrezzjoni Minuti Laqgha numru 14**

Minħabba ċ-ċirkostanzi marbuta mal-virus Covid-19 il-kunsill ma kien'x f'pożizzjoni li jiltaqa. Permezz ta' email, il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu, li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għandu jikkordina servizz ta' emerġenza għal xiri u twassil ta' ikel, mediċini u xi bżonnijiet oħra bl-appoġġ tal-voluntiera. Dan biex jiġi żgurat appoġġ lil dawk li l-aktar huma vulnerabbli għall-Covid-19, fosthom l-anzjani u dawk li jiddependu fuq ħadd ieħor.

*Minuti Laqgha 14 approvati hekk kif ikkoreguti.*

**Korrezzjoni Minuti Laqgha 14(i)**

item **14.3** Wara jmiss jizdied **'minnhabba lid an ir-rapport kien ghadu ma ntbaghtx lill-kunsilliera'**

*Minuti Laqgha 14(i) approvati hekk kif ikkoreguti.*

(d) Korrezzjoni Laqgha 15

**Pagna 2:** Tender Non-Urban Grass Cutting -

Tinqata s-sentenza ~~Il-Kunsill ikonkluda li Tender għandu jiġi kancellat u jerġa joħroġ.~~ u minflok jizdied

***'Fin-nuqqas li l-kunsill naqas milli jippubblika t-tender fil-gazzetta tal-gvern hekk kif tiddetta l-ligi, qieghed jigi pproponut li l-kunsill jimxi mal-parir ta' l-avukat tal-kunsill, dak, li t-tender jigi rtirat u jerga johrog'.***

***Il-kunsill approva.***

item **15.3** Tinqata kompltament l-ahhar sentenza **' ~~*Il-kunsill qabel li japprova dawn ir-rapporti ta'*~~**

**~~*hidma ta' Sindku u uhud mill-kunsilliera li kienu prezentaw rapport'*~~**

item **15.5** Wara li rcieva l-kunsill jizdied **'Ingibdet l-attenzjoni dwar il-Corporate Social Responsibility Scheme u dwar il-fatt li din l-iskema ma gietx diskussa quddiem il-Kunsill u li l-kunsilliera saru jafu biha mir-rapport tas-Sindku.**

**<u>16.3 Punti mill-Minuti</u>**

*Tender Non-Urban Grass Cutting SPB T/ 03/2019* – Is-Sindku ħeġġeġ biex dan it-tender jinħareg immedjatament**.**

Il-Kunsill approva.

*Ingaġġ ta' ħaddiema* – Is-Sindku informa li sejħa għall-ħaddiema ħarġu nternament u waslu fi stadju li jinħargu fil-Kunsilli lokali kollha.

**<u>16.4 Komunikazzjoni</u>**

**PA 07499/2019** (Triq Parades wara l-bank)

Il-Kunsill ircieva notifikazzjoni mill-Awtorita ta' l-Ippjanar re-pjanti godda ghal applikazzjoni **PA 07499/2019**

Il-perit tal-kunsill irrimarka illi;

*"Jidher li hemm tibdil kosmetiku fil-proposta, relatati ma accessibilita' ghal kulħadd u zieda ta' substation tal-Enemalta go l-istess binja hekk kif gie mitlub mill-istess Enemalta. Il-principji li fuqhom il-Kunsill għamel oġġezzjoni ma nbidlux, u għalhekk ikun għaqli li l-Kunsill jerġa jissottometti nota fejn jgħid li il-pjanti ġodda għadhom ma ndirizzawx dak li saħaq fuqu il-Kunsill."*

**SPBLC Projects Update**

Tressqu quddiem il-kunsill l-istimi tal-progetti kollha li ntbagħtu mill-perit. Is-Sindku wera l-preokkupazzjoni tieghu ghad-dewmien esagerat li l-Awtorita ta' l-Artijiet qeda tieħu ghal Clearance. Qal li l-applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar jiddaħlu mmedjatament meta l-Kunsill jirċievi l-permessi neċessarji mil-Lands. Fejn hu possibbli dawn il-proġetti ikun iffinanzjati minn DPF Funds.

| | |
|---|---|
| Playing Field - Triq Cassarino Stima - | **€ 67,950** |
| Gnien Millenuim – Stima | **€ 65,550** |
| Burmarrad Playing Field | **€ 62,100** |
| Burmarrad Corner | **€ 6,000** |
| Erba Imwiezeb | **€478,400** |

**Stima Latrini Pubbliċi** – €64,895 (Moll Bugibba)
€66,000 (Bugibba Square)
€87,530 (Ta' Fra Ben)

Is-Sindku ippropona xogħolijiet ta' embellishment taz-zona kantuniera fi Triq Burmarrad għal stima ta' €6,000.

Il-Kunsill approva

**Tender HIRING, INSTALLATION, MAINTENANCE AND DISMANTLING OF CHRISTMAS DECORATIONS.**

Fid-9 ta' Mejju 2020, il-Kunsill ircieva notifikazzjoni mingħand is-Sur John Sammut fejn dan avza li minħabba ragunijiet ta' mard fil-familja mhux sejjer ikun possibbli li jerga jarma t-tizjien tal-Milied.

Il-Kunsill qabel li jmexxu bl-uniku offerta valida dan dejjem wara li jinġib parir mingħand id-dipartiment.

**Salvu Galea Vs Kunsill Lokali**

Il-Kunsill ġie nfurmat ili kien irċeva korrespondenza mingħand l-avkat Sur Salvu Galea rigward ħlassijiet ta' permessi sabiex jarma Luna Park f' Bugibba f' xhur tas-Sajf. Is-Sur Galea kien ġie mwaqqaf li jkompli jarma f'Sajf ta' 2018 minħabba li kien falla milli jipprovdi ċertifikati ta saħħa u sigurta mingħand min Inginier u entitajiet kompetenti. Il-Kunsill qabel li jaqgħdi dokumenti kif ukoll ritratti ta' l-periklu lil avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi f'isem il-Kunsill.

**GOTO – rikjesta ghal tehid ta' aktar parkeggi**.

Il-Kunsill ircieva rikjesta minn TM biex jittieħdu aktar parkeggi pubblici favur il-kumpanija GOTO.

Saret diskussjoni fejn fost l-oħrajn issemma li din il-kumpanija privata diga għandha privileġġ ta' 20 parkeġġ riservat f'San Pawl il-Baħar u li għalihom ma huwa jsir l-ebda ħlas għand il-kunsill.

Il-Kunsill b'mod unanimu ma approvax ir-rikjesta.

**Triq Mosta – irwejjah ta' drenagg** 200603 DTR TO SPBLC

Il-Kunsill ġie kkuntatjat mill-Uffiċju tas-Senita rigward irwejjaħ qawwija ta' drenaġġ fi Triq il-Mosta. Wara spezzjoni mill-Perit u s-Sindku gie nnutat li t-triq qeda ftit ftit iċċedi f'zewg partijiet minn ta' l-anqas, possibilment minħabba li ċedew xi soqfa ta' fosos li hemm fl-inhawi. Fuq parir tal-perit il-haddiema tal-kunsill qalaw xi kaptelli ghal investigazzjoni. Fir-rapport tieghu l-perit jgħid illi ma hemm l-ebda olternattiva ħlief li jsir intervjent fl-akkwata, dan billi isir brix (scarifying) ta' wicc it-triq biex jigu esposti s-soqfa u titranga l-ħsara nkluz dik fid-drenaħħ jekk dan ikun il-kaz.

Inġibdet l-attenzjoni, li dawn il-fosos jaf huma tal-privat u għalhekk jekk huwa l-kaz għandhom ikunu l-istess sidien li jaghmlu tajjeb ghal l-ispejjez.
Il-kunsill qabel li jieħu parir mingħand l-Ufficju Senitarju u l-Avukat tal-kunsill.

Il-Laqgha spiċċat 20.45 u ġiet aggornata għal Ħamis 11 ta' Gunju 2020.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ________________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |